# GSL George Camilleri

Meta fl-1937 George Camilleri daħal membru fil-Ħamrun Scout Group wara li kien rahom waqt il-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù, huwa kien beda triq li kellha twasslu sabiex iwettaq xogħol tant fejjiedi fil-Marsa u madwar Malta. Hu dam f'dan il-Group sal-1946 meta mbagħad ingħaqad mal-Marsa Scout Group. George, li kien mill-Ħamrun (fejn illum insibu l-HSBC), daħal fil-Group wara li kien ħajru Joe Mizzi li kien ukoll f'dan il-Group u kien beża' li l-Marsa Scout Group jista' jagħlaq minħabba nuqqas ta' mexxejja.




George kien attiv u dixxiplinat iżda ħanin. Kien jattendi l-Headquarters il-ġimgħa kollha u serva ta' ispirazzjoni għal ħafna. Minn taħt idejh għaddew mal-2,000 Scout. Każ partikolari kien meta fl-1953 waqt Kamp tas-sajf miet Scouter u hu tant kien mexxa bilgħaqal li l-ebda tifel li attenda ma nduna x'ġara, inkluż it-tifel tal-Iscouter li kien ukoll preżenti.

Esperjenza oħra kienet meta Scouter sar saċerdot. Dan hu Fr Karm Debattista. Fiċ-ċerimonja ta' pussess, George bħala GSL neħħielu l-*iscarf* u l-*beret* tal-Iscouts u minflok ġie mlibbes ta' patri mis-Superjur tal-Ordni.

F'żgħożitu, George kien jagħmel għassa meta kien jidħol xi konvoj u jsir il-ħatt. Għamel żmien ukoll jgħin lir-refuġjati li kien hemm fl-Istitut ta' Fra Diegu fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Hu ried ukoll jidħol fil-MUSEUM u talab parir dwar dan mingħand San Ġorġ Preca li qallu sabiex jibqa' jwettaq il-missjoni tiegħu mal-Iscouts. George kien jesiġi li l-Iscouts jieħdu sehem fl-attivitajiet reliġjużi li l-Group kienet mitluba li tieħu sehem fihom miż-żewġ parroċċi.

Hu ħadem sabiex jinstab post ikbar għall-Headquarters tal-Marsa u għen fil-ftuħ ta' ċentri tal-Iscouts f'Santa Luċija u Birżebbuġa.

George Camilleri rtira nhar l-4 ta' Jannar 1998. Il-Marsa Scout Group kienet ħatritu Group Scout Leader Onorarju għal għomru. Ingħata wkoll Ġieħ il-Marsa, The Bar to the Medal of Merit, The Silver Acorn, The Long Service Decoration u The Bronze Cross. Wara li ħalla din id-dinja, fl-2012, mill-ewwel inħasset il-ħtieġa li jkollna tifkira tiegħu u sitt snin wara dan seħħ permezz ta' kxif ta' bust nhar is-Sibt 2 ta' Frar mill-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta Dr Marie-Louise Coleiro Preca. Il-bust huwa xogħol l-iskulturi Joseph u Christopher Chetcuti (Funderija Artistika Chetcuti) u ġie mħallas mis-Sur Francis Carabott.

Joe Galea l-Cubby, Scout veteran fil-Marsa Scout Group, u Catherine Bonnici, eks kap tal-Girl Guides, tkellmu dwar George Camilleri. Joe tkellem dwar George bħala gwida u ispirazzjoni għal ħafna nies waqt li Catherine tat profil iddettaljat dwar George Camilleri minn kitba li ngħabret minn bosta esperjenzi, inkluż tagħha stess.

